**TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U L-KOMUNIKAZZJONI GĦALL-INKLUŻJONI**

# GĦOTI TA' INFORMAZZJONI FIL-QOSOR DWAR IL-POLITIKA

## Kuntest tal-polika

Id-dokumenti tal-politika Ewropea *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Soċjetà tal-Informazzjoni Aċċessibbli* u *Aġenda Diġitali għall-Ewropa* jenfasizzaw l-irwol tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż l-edukazzjoni, l-impjiegi, u l-kultura u l-ambjent soċjali. L-għarfien diġitali għandu jiġi kkunsidrat bħala kompetenza ewlenija għall-inklużjoni soċjali fuq livell personali u faċilitatur ewlieni għall-“progress […] lejn soċjetà tal-għarfien miftuħa, ambjentali u kompetittivà” fuq skala Ewropea (Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2009, p. 6).

Madankollu, il-Komunikazzjoni tal-2013 mill-Kummissjoni dwar *Niftħu l-Edukazzjoni* ssostni li: *L-edukazzjoni fl-UE mhijiex qed iżżomm mal-pass tas-soċjetà u l-ekonomija diġitali… It-teknoloġiji diġitali huma inkorporati b’mod sħiħ fil-mod kif in-nies jinteraġixxu, fix-xogħol u fil-kummerċ; iżda minkejja dan, għadhom mhux qed jiġu sfruttati bis-sħiħ fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-Ewropa* (Il-Kummissjoni Ewropa, 2013, p. 2).

Il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi wkoll li: *Barra milli jwessa’ l-aċċess għall-edukazzjoni, l-użu usa’ ta’ teknoloġija ġdida u riżorsi edukattivi miftuħin jista’ jgħin biex itaffi l-ispejjeż għall-istituzzjonijiet edukattivi u għall-istudenti, speċjalment fost il-gruppi żvantaġġati. Din l-ekwità tal-impatt teħtieġ, madankollu, investiment sostnut fl-infrastruttura edukattiva u r-riżorsi umani* (Il-Kummissjoni Ewropea, 2013, p. 3).

Il-mira li jitwessa' l-aċċess għall-edukazzjoni permezz ta' teknoloġija ġdida hija f'konformità mal-*Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità* li tirrikonoxxi: *… l-importanza tal-aċċessibbiltà għall-ambjent fiżiku, soċjali, ekonomiku u kulturali, għall-edukazzjoni u s-saħħa u għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex ikun possibbli li persuni b’diżabbiltà jkunu jistgħu jgawdu b’mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha* (In-Nazzjonijiet Uniti, 2006, Preambolu, v).

## Sejbiet tal-proġett

Is-sejbiet tal-proġett tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni għall-Inklużjoni (ICT4I) jissuġġerixxu li hemm sfidi għal dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti biex jadattaw l-ideat tagħhom u sussegwentement il-modi ta' ħidma

tagħhom sabiex jeliminaw l-ostakoli u jippermettu lill-istudenti jibbenefikaw mill-opportunitajiet edukattivi disponibbli b'mod wiesgħa, affordabbli u aċċessibbli li jista' joffri l-ICT.

Il-proġett ICT4I identifika ħames **kwistjonijiet politiċi kritiċi** li għandhom jiġu indirizzati:

- **Tiġi eliminata l-qasma diġitali** biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jibbenefikaw mill-ICT bħala għodda għat-tagħlim tagħhom.
- Jiġi żgurat li l-**ICT4I titqies bħala kwistjoni settorjali** u hija kkunsidrata u viżibbli fl-oqsma politiċi rilevanti kollha.
- Jiġu żgurati d-disponibbiltà u t-teħid ta' **mogħdijiet komprensivi u integrati tal-edukazzjoni ta' għalliem fl-ICT4I**, bħala 'prekundizzjoni' vitali għal kwalunkwe inizjattiva ICT4I.
- Tiġi appoġġjata l-**implimentazzjoni ta' sejbiet fir-riċerka relatati mal-ICT4I** fil-prattika fil-klassi.
- **Dejta sinifikanti** – kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva – tkun magħmula disponibbli għall-monitoraġġ u l-formazzjoni tal-politika u l-prattika fl-ICT4I.

Il-konklużjonijiet globali tal-proġett ICT4I jidentifikaw l-**ixprunaturi potenzjali** li għandhom jiġu sfruttati f'tentattivi oħrajn biex tiġi indirizzata l-esklużjoni diġitali fl-edukazzjoni:

1. L-**akkwist pubbliku** ta' ħardwer tal-ICT, softwer u materjali ta' tagħlim diġitali li jinkludu l-aċċessibbiltà bħala kriterju (fil-livelli nazzjonali, reġjonali u organizzattiv).

2. **Programm ta' taħriġ** disponibbli b'mod wiesgħa **għall-partijiet interessati kollha** fl-ekosistema tal-ICT4I, inkluż il-ġenituri, l-għalliema, il-mexxejja tal-iskola, il-persunal ta' appoġġ fl-ICT, l-amministraturi tal-web, u l-professjonisti tal-IT u l-midja.

3. **Politiki fil-livell tal-iskola u pjanijiet ta' azzjoni** għall-ICT4I li jikkonformaw mal-politiki fil-livell nazzjonali u li dawn jiġu mmonitorjati b'mod effettiv biex issir l-implimentazzjoni usa' tal-ICT4I.

4. **Appoġġ għall-mexxejja tal-iskejjel** biex jiżviluppaw il-fehim tagħhom ta' attitidunijiet pożittivi lejn l-ICT4I u l-viżjoni għalih.

Il-proġett ICT4I jikkonkludi li l-użu effettiv tal-ICT sabiex jiġi appoġġjat it-tagħlim fl-edukazzjoni inklużiva jagħti eżempji ta' tagħlim tajjeb għall-istudenti. Madankollu, ICT4I jeħtieġ pedagoġija ġdida li tuża l-ICT biex jittieħdu u jiġu implimentanti deċiżjonijiet dwar l-approċċi ta' tagħlim li huma l-aktar effettivi għalihom. Tali pedagoġija ġdida tippermetti: "Kulħadd jista' jitgħallem, Kullimkien, f'Kull ħin, permezz ta' Kwalunkwe mezz, bl-appoġġ ta' Kwalunkwe persuna" (Il-Kummissjoni Ewropea, 2013, p. 3).

**Rakkomandazzjonijiet**

It-teknoloġiji emerġenti jippreżentaw sfidi ċari, iżda anki opportunitajiet kbar għal dawk li jfasslu l-politika biex iwessgħu l-aċċess u l-parteċipazzjoni. Il-proġett ICT4I identifika erba' rakkomandazzjonijiet ewlenin.

Il-politiki għall-ICT għall-Inklużjoni għandhom jiżguraw li:

1. *L-istudenti kollha għandhom ikunu jistgħu jużaw b'mod effettiv l-ICT fit-tagħlim tagħhom f'ambjenti inklussivi.* Dan ifisser li:

- L-ICT jintuża bħala għodda biex tappoġġja l-parteċipazzjoni permezz ta' approċċi ta' tagħlim personalizzat għall-istudenti b'diżabilità u bi bżonnijiet edukattivi speċjali f'ambjent inklussiv;
- l-esperjenza tal-istudenti tad-disponibbiltà ġenerali u speċifika tal-ICT, fl-iskola, id-dar u fit-tranżizzjoni lejn setturi edukattivi oħrajn tkun bla xkiel, mingħajr nuqqasijiet jew livelli differenti ta' disponibbiltà.

2. *L-għalliema kollha għandhom ikunu jistgħu jużaw l-ICT b'mod effettiv biex jappoġġjaw it-tagħlim f'issettjar inkluživ.* Dan ifisser li:

- l-ostakoli attitudinali tal-għalliema fl-użu tat-teknoloġija u/jew l-edukazzjoni inklużiva huma rikonoxxuti u indirizzati permezz ta' żvilupp professjonali xieraq;
- l-għalliema huma appoġġjati b'mod effettiv fl-użu tagħhom tal-ICT biex jappoġġjaw it-tagħlim, kif ukoll l-użu speċifiku tat-teknoloġija assistiva;
- l-għalliema jiġu appoġġjati b'mod effettiv fl-użu tagħhom tal-ICT bħala għodda għal tagħlim personalizzat f'ambjent inklussiv.

3. *L-iskejjel kollha jkunu jistgħu jimplimentaw u jżommu infrastruttura tal-ICT4I effettiva u sostenibbli.* Dan ifisser li:

- l-iskejjel ikollhom aċċess għal infrastruttura tal-ICT effettiva u sostenibbli;
- l-iskejjel u l-professjonisti kollha li jaħdmu fi ħdanhom ikunu jistgħu jużaw l-ICT b'mod effettiv biex iwessgħu l-parteċipazzjoni u jżidu l-opportunitajiet ta' tagħlim għall-istudenti b'diżabilità u bi bżonnijiet edukattivi speċjali;
- il-mexxejja tal-iskejjel ikunu jistgħu jippromwovu l-użu tal-ICT biex jappoġġjaw it-tagħlim f'ambjent ta' edukazzjoni inklussiva.

4. *L-infrastruttura ICT4I fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali tkun tista' tappoġġja b'mod effettiv il-ħidma tal-iskejjel u l-għalliema kollha li jaħdmu f'ambjent inklussiv.* Dan ifisser li:

- il-partijiet interessati kollha jqisu l-ICT4I bħala għodda li permezz tagħha jistgħu jwessgħu l-parteċipazzjoni u jżidu l-opportunitajiet edukattivi għall-istudenti kollha, inkluż dawk b'diżabilità u bi bżonnijiet edukattivi speċjali;
- hemm politika trans-settorjali maqbula għall-ICT4I fil-livell nazzjonali;
- hemm infrastruttura effettiva għall-ICT4I fl-ambjenti edukattivi, tad-dar u soċjali kollha;
- hemm djalogu u konsultazzjoni kontinwa effettiva li tinvolvi lill-partijiet interessati kollha fl-eko-sistema ICT4I.
- hemm appoġġ għall-inizjattivi ta' riċerka u żvilupp li jieħdu approċċi "li jinvolvu l-utent" kif ukoll "iċċentrati fuq l-utent" u li jwasslu għal għodod tal-ICT ġodda u aċċessibbli għall-istudenti kollha, inkluż dawk b'diżabilità u bi bżonnijiet edukattivi speċjali.

Aktar informazzjoni hija disponibbli mill-qasam tal-web tal-proġett ICT4I:
http://www.european-agency.org/agency-projects/ict4i



Erasmus+

http://www.european-agency.org/disclaimer